

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1904****tat-8 ta' Novembru 2019**

**li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 rigward l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont il-liġi tal-Unjoni, u proposita, jekk ikun xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 241 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont id-definizzjoni stabbilita fid-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), "organiżmu ġenetikament modifikat (GMO)" ifisser organiżmu, bl-eċċeżżjoni ta' bnedmin, li fil il-materjal ġenetiku jkun ġie modifikat b'tali manjiera li ma jseħħx fin-natura b'akkoppjar u/jew rekombinazzjoni naturali. Listi ta' tekniki jagħmlu din id-definizzjoni kompluta u jispeċifikaw l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Id-definizzjoni u l-listi ta' tekniki ġew abbozzati fid-dawl ta' dawk it-tekniki ta' tnissil li kienu disponibbli u użati fi żmien l-adozzjoni tad-Direttiva 2001/18/KE.
- (2) Minn dak iż-żmien 'l hawn sar progress sostanzjali fl-iżvilupp ta' tekniki ġodda ta' tnissil, li waslu għal inċertezza jekk dawk it-tekniki ġodda ta' tnissil jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' GMO u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/18/KE jew le u, konsegwentement, jekk il-prodotti miksuba permezz tagħhom għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligli stabbiliti fid-Direttiva.
- (3) Permezz tas-sentenza tagħha fil-Kawża C-528/16 (²), il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li l-kkunsidrat l-objettivi ġenerali tad-Direttiva 2001/18/KE, iddeċidiet li t-tekniki ġodda ta' mutaġenesi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u huma soġġetti għall-obbligli stabbiliti fiha.
- (4) Id-deċiżjoni tat-ċarezza legali rigward l-istatus ta' tekniki ġodda ta' mutaġenesi, iżda qajmet ukoll kwistjonijiet prattiċi li għandhom konsegwenzi għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, l-industria tal-Unjoni, b'mod partikolari fis-settur tat-tnissil tal-pjanti, ir-riċerka u lil hinn. Dawk il-kwistjonijiet jikkonċernaw, fost l-oħrajn, kif tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva 2001/18/KE meta prodotti miksuba permezz ta' tekniki ġodda ta' mutaġenesi ma jkunux jistgħu jintgħarfu, bl-użu ta' metodi ġodda, minn prodotti li jirriżultaw minn mutazzjoni naturali, u kif, f'sitwazzjoni bħal din, jiġi żgurat it-trattament ugħali bejn prodotti importati u prodotti maħluqa fl-Unjoni.
- (5) Il-Kunsill iqis li huwa meħtieġ studju biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonal tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (³), u b'mod partikolari l-paragrafu 10 tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 225 u 241 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:****Artikolu 1**

Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta, sat-30 ta' April 2021, studju fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 rigward l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont il-liġi tal-Unjoni.

(¹) Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

(²) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, *Confédération paysanne et vs Premier ministre u Ministre de l'agriculture, de l'agroalimentaire et de la forêt*, C-528/16, ECLI:EU:C:2018:583.

(³) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

*Artikolu 2*

1. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta, jekk ikun jixraq fid-dawl tal-eżiġi tal-istudju, jew b'mod ieħor tinforma lill-Kunsill dwar miżuri oħra meħtieġa bħala segwitu għall-istudju.
2. F'konformità mal-prassi normali, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposta tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. ANDERSSON

---